MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 274/2012

**Olaf Zahra bhala mandatarju specjali tal-assenti minn Malta Stephanie Ceccato**

**vs**

**Minding International LTD (C 28005)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat nhar it-8 ta’ Awissu 2012 fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma bilancjali ta’ hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin Ewro (€ 11,645) liema somma hija dovuta lill-attrici nomine mis-socjeta’ konvenuta fejn hamest elef, tmien mija u tnejn u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€5,822.50) jirraprezentaw arretrati ta’ salarji dovuti lill-attrici nomine inkluz spejjez ta’ biljetti tal-ajru u spejjez ulterjuri, mentri hamest elef, tmien mija u tnejn u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€5,822.50) jirraprezentaw parti

mis-somma tal-kors tal-MBA li ghamlet l-attrici nomine fuq talba tas-socjeta' konvenuta fejn il-kumpanija kienet weghdet li ha thallas lill-attrici nomine dawn l-ispejjez.

Illi l-attrici ghandha tiehu somma akbar ghal dak dovut lilha imma hi qieghda titlob is-somma li ma teccedix il-hdax-il elf sitt mija u hamsa u erbghin Ewro (€11,645).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittri interpellatorji tas-16 ta' Dicembru 2011, 28 ta' Frar 2012 u 11 ta' Mejju 2012 u dan skond kopji ta' l-ittri mmarkati B, C u D sal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxall Julian Caruana datata 4 ta' Dicembru 2012 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta' San Giljan, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, kif ukoll fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta kif moghti fir-rikors promotur tal-attur nomine.

Illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata b'din il-kawza ukoll permezz ta' avviz li deher fil-Gazetta tal-Gvern datat 4 ta' Dicembru 2012 u fil-gazetta lokali The Malta Independent datat 25 ta' Jannar 2013.

Illi fis-seduta tal-30 ta' Jannar 2013 l-attur nomine pprezenta kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Frar 2013 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur nomina jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti, ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomina s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin Ewro

(€ 11,645) likwidata minnha ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba fir-rikors promotur ghandhom jithalsu mis-socjeta’ konvenuta u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Dicembru 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------